



Brussell, 24 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10535/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0166(COD)**

**CODEC 972
AGRI 285
AGRILEG 103
AGRISTR 44**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżura speċifika biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) b'rispons għall-impatt tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' 8 ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fl-20 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2022².
3. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura approva l-ftehim milħuq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza tibgħat ittra lill-Presidenza tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) li tistqarr li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ 9347/22.

² Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2022³.
5. Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 25/22, u li jidderoga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fil-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
6. Id-dikjarazzjoni mis-Slovakkja għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
7. Il-Kunsill huwa mistieden biex:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tidher fid-dokument PE-CONS 25/22;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni kif juri l-preambolu tal-att leġislativ.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislativ jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għal din il-pożizzjoni.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislativ ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 10534/22.